# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Novembru, 2017

**Numru 4**

**Rikors Numru 569/17TA**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030) u skont digriet datat 9 ta' Novembru, 2017 l-isem gie mibdul f'BNF Bank plc**

**vs**

**Express Logigroup Ltd. (C58205) bhala l-kumpannija debitrici principali u Moderate Ltd. (C1784) bhala garanti in solidum mal-kumpannija debitrici principali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Bank Attur prezentat fit-23 ta' Gunju, 2017 u mahluf minn Vanessa Bugeja ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Bank, li permezz tieghu talab is-segwenti:-

"1. Illi l-kumpanija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-kumpannija debitrici principali hija klijent tal-kumpannija esponenti u hadet minn ghandha self biex tiffinanzja n-negozju taghha;

3. Illi s-self kien jikkonsisti fis-segwenti:-

   i. Business Loan I ta' mitejn u ghaxart elef euro (€210,000) moghtija lill-kumpannija debitrici principali ai termini ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool fit-28 ta' Mejju 2013 (ara Dok.'A') u kif ukoll il-Credit Agreement relattiv datat 24 t'April 2013 (ara Dok. 'B'), u

   ii. Business Loan II ta' mitejn u tletin elf Euro (€230,000) moghtija lill-kumpannija debitrici principali ai termini ta' kuntratt publikat fl-att tan-Nutar Dr. Vanessa Pool fid-29 ta' Novembru 2013 (ara Dok. 'C') u kif ukoll il-Credit Agreement relattiv datat l-1 ta' Novembru 2013 (ara Dok. 'D'), u

   iii. Business Overdraft ta' mija u erbghin elf euro (€140,000) moghtija lill-kumpannija debitrici principali ai termini ta' kuntratti publikati fl-atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool fit-28 ta' Mejju 2013 u fid-29 ta' Novembru 2013 (ara Dok. 'E' u Dok. 'F' rispettivament) u kif ukoll il-Credit Agreements imsemmija aktar 'l fuq;

4. Illi l-kumpanija debitrici principali naqset milli thallas lura dan is-self u konsegwentement, l-ammont dovut hu kif gej:

   i. kwantu Business Loan I, mija u wiehed u tmenin elf, disa' mija u erbgha u sebghin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€181,974.57), dovuti fuq Loan Account numru 346489.71.001, bl-imghaxijiet inkluzi t'erbat elef, tmien mija u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€4,870.65) mahduma sas-27 t'April 2017 (ara Dok. 'G'), u

   ii. kwantu Business Loan II, mitejn u erbatax-il elf u erbatax-il Euro u tnejn u erbghin centezmu (€214,014.42), dovuti fuq Loan Account numru 346489.71.003, bl-imghaxijiet inkluzi ta' sitt elef, hames mija u tmienja u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€6,588.45) mahduma sas-27 t'April 2017 (ara Dok. 'H'), u

iii. kwantu l-Business Overdraft, mija u hamsin elf, hamsa u erbghin Euro u tnejn u sebghin centemzu (€150,045.72), dovuti fuq Current Account numru 346489.10.001, bl-imghaxijiet inkluzi t'elf, hamsa u tletin Euro u seba' centemzi (€1,035.07) mahduma sas-27 t'April 2017 (ara Dok. 'I');

5. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut hu ta' hames mija u sitta u erbghin elf, erbgha u tletin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€546,034.71);

6. Illi l-ammont fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tieghu mill-kumpannija debitrici principali lill-kumpannija esponenti ai termini ta' klawsola 9(s) tal-Credit Agreement markat Dok. 'B' u ta' klawsola 9(o) tal-Credit Agreement markat Dok. 'D' u dan ghax kif jistipulaw dawn l-istess klawsoli, sehhew wahda jew aktar mill-Events of Default imsemmijin f'dawn il-Credit Agreements, partikolarment, izda mhux esklussivament:-

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all of any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";

7. Illi l-ammont fuq imsemmi hu wkoll dovut lill-kumpannija esponenti mill-kumpannija intimata l-ohra Moderate Ltd. stante li din dahlet bhala garanti in solidum mal-Kumpannij debitrici principali ghall-ammont kollu dovut (ara Dok.'A', Dok. 'C', Dok. 'E' u Dok. 'F' gja citati aktar 'l fuq);

8. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittri legali datati 3 ta' Novembru 2015 u 9 ta' Novembru 2015 (ara Dok. 'J' u Dok. 'K' rispettivament) u ittra ufficcjali numru 3910/2016 datata 30 ta' Novembru 2016 (ara Dok. 'L'), izda dawn baqghu inadempjenti;

9. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;

10. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikejsti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpannija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara li l-intimati saru solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €546,034.71; u

3. tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €546,034.71,

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mis-27 t'April 2017 sad-data tal-pagament effettiv u dan kollu ai termini tal-Credit agreements fuq imsemmija u markati Dok. 'B' u Dok. 'D' u kif ukoll tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'M'), il-conditions of Use (ara Dok. 'N') u t-tariff of Charges (ara Dok. 'O') relattivi ghall-Current accounts.

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:-

1. bid-disgha punt hamsa fil-mija (9.5%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Acccount numru 346489.71.001, skond kif stipulat fi klawsoli 5 u 9(s) tal-Credit agreement markat Dok.'B', u

2. bl-ghaxra fil-mija (10%) kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 346489.71.003, skond kif stipulat fi klawsoli 5 u 9(r) tal-Credit Agreement markat Dok.'D', u

3. bl-ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current account numru 346489.10.001 (ara marker bl-ahdar fuq it-tariff of Charges markata Dok. 'O').

L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess intimati."

Rat il-verbal tal-24 ta' Awwissu, 2017;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjetajiet konvenuti prezentata fl-udjenza tallum;

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza ghallum stess;

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba fid-dawl tan-nota ta' ammissjoni fuq imsemmija;

**Tilqa'** t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment bejniethom, debituri tal-Bank Attur u cioe` l-Kumpannija Attrici fl-ammont ta' hames mija u sitta u erbghin elf u erbgha u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€546,034.71);

**Tilqa'** t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-Bank Attur u cioe` lill-Kumpannija Attrici l-ammont komplessiv ta' hames mija u sitta u erbghin elf u erbgha u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€546,034.71).

**Bl-imghaxijiet** kif mitluba, mis-27 ta' April, 2017 sal-pagament effettiv. Is-Socjetajiet Konvenuti huma wkoll obbligati li jhallsu l-"bank charges" u "fees" lill-Bank Attur u cioe` lill-Kumpannija Attrici.

**Spejjez** tal-kawza a karigu tas-Socjetajiet Konvenuti.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**